MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 454/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**
**Carmel Galea (K.I. 320562M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’mija, sitta u sebghin ewro u hamsa u hamsin ewro centezmu (€176.55) rapprezentanti bilanc ta’ prezz in konnessjoni ma’ servizzi ta’ l-internet rezi mis-socjeta’ attrci lill-konvenut.

Il-konvenut interpellat diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta’ qbid numerat 3518/09 ippreznetat konteswalment u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-datat tal-pagament effettiv

kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Ra li fis-seduta tas-26 t' April, 2010 deher il-konvenut fejn huwa kkonferma illi kien ircieva n-notifika bl-avviz tat-talba.

Illi fis-seduta tas-26 t' April, il-konvenut ammetta t-talba seduta stante izda esprima x-xewqa illi jhallas il-kont ratejalment.

It-Tribunal spjega lill-konvenut li dwar il-metodu tal-hlas kellu jirranga privatament mas-socjeta' attrici u ma kienx il-kompitu tat-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------